**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURKRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Pulizija**

(Spettur Ramon Mercieca)

**vs**

Jamal Muftah Salem Belkheir

Illum 9 ta’ Settembru 2002.

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmiJamal Muftah Salem Belkheir, ta` 28 sena, bin Muftah u Salma nee` Xatti, imwieled il-Libja fit-13 ta` Frar 1974 u prezentament residenti f’ ‘Miscon A’Flats, Flat 1A Triqil-Fejgel, Nigret, Rabat Malta Detentur tal-Karta ta’ l-ID 19808(A);

talli fit-8 ta’ Settembru 2002 ghall-habta ta’ xi 11:00hrs flimkien ma persuna ohra minn gewwa l-Foss ta’ san Gakbu, il-Furjana, ikkommetta serq ta’ envelope, mobile telephone cellulari tad-ditta Nokia u portmoni li l-ammont

taghhom huwa aktar minn LM 100 izda anqas minn LM1000 minn fuq il-persuna ta' Marcelle Attard mill-Gwardamangia, izda li tghix Cardiff l-Ingilterra, liema serq huwa aggravat bil-valur u dan bi ksur tal-artikoli 261( c ) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, xjentement xtara jew laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehud b'qerq jew akkwistati b'reati sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti kienu gejjin minn ser ikkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u dan bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanza kiser il-kundizzjonijiet ta' l-Artikoli 5 u 9 tal-kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta li gew imposti fuqhu mill-Qorti tal-Magistrati kif presjeduta minn Dr. Noel Cuschieri LL.D u li saru definittivi nhar l-14 t' Awwissu 2002.

Rat li fis-seduta ta' illum l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih.

Issibu hati ta' l-ewwel u tat-tielet akkuza u tilliberah mit-tieni.

Rat l-Artikolu 261 ( c ) u 267 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta kif wkoll l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta. Rat l-artikolu 392(A).

Filwaqt li ssibu hati tilliberah that il-provedimenti tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 b'dan li ma jaghmilx rear iehor fi zmien tlett (3) mil-llum. Il-Qorti wissiet lill-akkuzat li din hi l-ahhar darba li qed timxi mieghu b'dan il-mod.

Vera Kopja. (ft) Magt. Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT

M.Mifsud

Deputat Registratur